**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**CHAIRPERSON**

**Rikors Numru: 41/2011**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament 309/2011**

**Maria Farrugia, Carmela Farrugia, Adeline Farrugia, David Farrugia, Alexander Farrugia, Josette Portelli, Darren Borg, Pauline Cilia, Maria Farrugia, Bernardine Abela f'isimha personali u in rapprezentanza tal-assenti Marthese Borg, Silvio Farrugia, Mary Attard, Saviour Farrugia, Joseph Giusti, Victor Giusti, Charles Giusti u Godwin Giusti li rispettivament ghandhom karta tal-identità numri: (495825M); (0301922M); (0322033M), (072159M),**

**(276365M), (171971M), (554460M), (619930M); u (417258M).**

**vs**

**Arthur Napier (ID 98237M) u Alfred Napier (ID 465335M)**

**Illum, 31 ta' Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-intimati rikorrenti li jghid hekk:

Illi l-esponenti gew notifikati bil-mandat fuq indikat fl-ismijiet premessi sabiex jizgumbraw mill-fond "2, illum 4 , Senglea Wharf, illum Triq Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea" u dana in forza ta' sentenza moghtija fl-ismijiet "Maria Farrugia et – vs Arthur Napier et (Rikors numru 13/2005GG) moghtija fit-22 ta' Novembru 2010.

Illi fl-ewwel lok, in linea proceduralì l-esponenti l-esponenti jirrelevaw u jissottomettu li l-mandat fuq indikat huwa ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa null stante li:

i. Ir-rikorrent Giuseppe *sive* Joseph Giusti miet fis-26 t'Ottubru 2009 u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. A;

ii. Ir-rikorrent Charles *sive* Carmel giusti miet fit-12 ta' Mejju 2010 u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. B.

iii. Ir-rikorrent Victor Giusti miet fid-29 ta' Novembru 2010 u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. C.

Illi ghalhekk l-ebda att gudizzjarju ma setgha jigi ntavolat fl-24 ta' Marzu 2011 mill-imsemmija rikorrenti Giuseppe *sive* Joseph Giusti, Charles *sive* Carmel Giusti u/jew Victor Giusti u/jew Victor Giusti kemm minnhom personalment kif ukoll in rapprezentanza taghhom stante li f'tali data huma kienu defunti.

Illi infatti, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li r-rikorrenti Maria Farrugia *et* malizzjozament naqsu milli jindikaw il-karta ta' l-identita' tar-rikorrenti Giusti kif ukoll naqsu mill jindikaw in-numru tal-karta tar-rikorrenti Giusti kif ukoll naqsu milli jindikaw in-numru tal-karta tal-identità tar-rikorrenti kollha, liema fatt *di per sé* jikkostitwixxi wkoll nullità stante li huwa bi ksur tal-Artikolu 174 (2)(a) tal-Kap.12.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jirrelevaw u jissottomettu li l-mandat inkwistjoni huwa wiehed frivolu u vessatorju stante li l-esponenti ga ottemperaw ruhhom mas-sentenza in kwistjoni u fil-fatt ikkonsenjaw ic-cwievet u l-pussess vakanti tal-fond *de quo* li kien mikri ghandhom fl-1 ta' Marzu 2011. Dan il-fatt *del resto* gie ammess mill-istess rikorrenti.

Illi r-rikorrenti izda, ghal darb'ohra malizzjozament, qed isostnu li l-esponenti ma tawhomx access tal-fond kollu. Dan assolutament mhux minnu stante li dak li ghamlu l-esponenti

huwa – kif diga rilevat – illi ottemperaw ruhhom mas-sentenza msemmija u aktar precizament billi wettqu dak li tordna dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tieghu u cjoè:

> "Ghalhekk dan il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzhom jirriprendu l-fond deskritt fi zmien tlett xhur (3) mil-lum. Dan il-perjodu pjuttost estiz qieghed ikun ordnat stante li mix-xhieda tal-fond originali **jidher li tniffed mal-bir ta' fond iehor** u ghalhekk f'dan il-perjodu l-intimat ikollhom zmien sufficjenti sabiex jergghu jirripristinaw il-fond qabel jghaddi f'idejn ir-rikorrenti."

Illi effettivament l-esponenti obdew l-ordni tal-Bord u regghu rripristinaw il-fond u llum il-gurnata l-esponenti ma huma qed jokkupaw l-ebda parti tal-fond li kien mikri lilhom.

Illi l-imsemmija sentenza ma gietx appellata mir-rikorrenti Farrugia et u dak li qed jippruvaw jaghmlu ir-rikorrenti, huwa li jvarjaw l-ordni u s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord.

Illi fir-realtà r-rikorrenti Farrugia *et* ghandhom eventwalment mezzi legali ohra sabiex jikkawtelaw xi drittijiet ta' propjetali huma jallegaw li ghandhom fuq dik il-parti li kienet tnifdet mal-fond mikri (u cjoè il-bir msemmi fis-sentenza *de quo*, izda certament ma jistghux juzaw il-procedura odjerna u cioè billi jitolbu l-hrug ta' mandat ta' zgumbrament u dana meta mhux biss huma diga' inghataw il-pussess Iberu u vakanti tal-fond li kien mikri, izda *di più* dan inghata in ottemperanza ma' l-istess sentenza ta' dan l-Onorabbli Bord.

Illi ghaldaqstant ma jehtieg l-ebda hrug ta' mandat ta' zgumbrament stante li l-fond mertu tal-kawza *de quo* li kien

mikri lill-esponenti ga gie zgumbrat u llum jinsab fil-pussess tar-rikorrenti, u kwindi s-sentenza ta’ dan l-Onorabbli Bord ga giet rispettata u esegwita.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponenti bir-rispett jitolbu li dan l-Onorabbli Bord *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li jezistu ragunijiet sufficjenti fil-ligi, joghgbu jhassar il-Mandat ta’ Zgumbrament fuq indikat fl-ismijiet premessi.

Ra r-risposta tar-rikorrenti intimati li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti jissottomettu li huma pprezentaw il-mandat ta’ zgumbrament fl-ismijiet premessi, f’isimhom personali filwaqt li l-esponenti Bernardine Abela pprezentat l-imsemmi mandat f’isimha personali u ghan-nom u in rapprezentanza tal-persuni fuq citati.

2. Illi ghal kull buon fini l-esponenti jitolbu l-korrezzjoni fl-okkju tal-mandat ta’ zgumbrament fl-ismijiet premessi, fis-sens li l-ismijiet tal-persuni Joseph Giusti, Victor Giusti u Charles Giusti jitnehhew mill-okkju premess. Il-Qorti tista’ dejjem tordna jew tippermetti l-korrezzjoni ta’ atti gudizzjarji fi kwakunkwe stadju.

3. Illi jibqa’ fi kwalunkwe kaz l-interess tar-rikorrenti l-ohra kollha fil-proceduri odjerni u l-fatt li tlieta mir-rikorrenti mietu, liema tlieta huma rapprezentati minn rikorrenti ohra, ma jnehhi jew inaqqas xejn mill-jeddijiet tar-rikorrenti l-ohra li pprezentaw il-mandat ta’ zgumbrament.

4. Illi ghar-rigward l-indikazzjoni tal-karti tal-identità jigi rilevat li l-Artikolu 174 (2) (a) tal-Kap. 12 jistipula s-segwenti:

   *"Kull skrittura jew att iehor li ghandhom jigu notifikati, ghandu jkollhom maghhom*: *(a) in-numru tal-karta tal-identità, jekk ikun il-kaz,* ***jekk il-persuna qed taghmel it-talba fil-kapacità taghha;"***

   Illi fil-fatt il-mandat ta' zgumbrament jindika l-karta tal-identità tal-persuni li qed jipprezentaw it-talba fil-kapacità taghhom personali u mhix qed jindikaw il-karta tal-identità tal-persuni li huma rapprezentati, mhux b'malizzja kif allegaw l-intimati Napier, izda skond kif tistipula il-ligi.

5. Illi fil-mertu, l-esponenti jaghmlu referenza ghar-rikors minnhom ipprezentat fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi ghad-dokumenti annessi ma' l-istess rikors. Huwa hawn li tohrog il-malizzja, però mhux tal-esponenti izda ta' l-ahwa Napier!! Huwa allegat li *"obdew l-ordni tal-Bord u regghu rripristinaw il-fond u il-lum il-gurnata l-esponenti ma huma jokkupaw l-ebda parti tal-fond li kien mikri lilhom"*. Li però ghamlu l-intimati Napier mhuwiex dan, izda effettivament abbuzaw minn dak li stipula l-Bord u minflok irripristinaw il-fond ghall-istat originali, akkapparaw zewg terzi tal-fond, bl-iskuza tal-bir.

6. Illi dawn evidenti minn ghadd ta' fatturi fosthom is-segwenti:

   i. Fil-mahzen li originarjament kien ta' 48 pied ittella' hajt b'mod li l-esponenti thjallew b'garaxx ta' 15-il pied (vide

rapport tal-perit u ritratti annessi mar-rikorsipprezentat mill-esponenti fl-atti tal-mandat fl-ismijiet premessi).

ii. Qabel haditu Karmena Fiteni (l-awtrici tal-intimati Napier) b'titolu tal-kera, fil-mahzen kienu jinhadmu d-dghajjes mid-defunt Salvatore Farrugia u zewg persuni ohra. Dan jista' jikkonfermah bil-gurament Salvatore Farrugia (I.D.169830M) li jigi in-neputi tad-defunt Salvatore Farrugia. Certament li d-dghajjes ma kienux jinbnew minn tlett impjegati f'garaxx ta' hmistax il-pied! Dan kollu kien isir qabel il-fond twaqqa' u rega nbena bil-War Damage (u cioè qabel allegatament il-fond originali tkabbar billi tniffed mal-bir talfond sovrastanti).

iii. Fin-1969 dan il-mahzen (no. 2, Senglea Wharf, Senglea) gie vvalutat bil-prezz ta' **Lm700**, hekk kif irrizulta mill-kopja tad-denunzja ta' Maria Concetta Farrugia (mart id-defunt Salvatore Farrugia) (**Dok.A**). Certament garaxx ta' 15-il pied ma kienx ser ikollu tali valur fis-sena 1969, fejn sas-snin tmenin kont tixtri plot ghas-semi-detached b'dawk il-prezzijiet!

iv. Karmena Fiteni (l-awtrici tal-intimati Napier) kriet l-imsemmi mahzen ghexieren ta' snin ilu, bil-prezz ta' Lm23 fis-sena. Prova ta' dan hija l-ircevuta annessa u mmarkata bhala **Dok. B**, li tindika l-kera fil-11 ta' Mejju 1962. Wiehed jistaqsi min kien ser ihallas kera ta' Lm23 fis-sena ghall-garaxx ta' 15-il pied fil-bidu tas-snin sittin u anke qabel?

7. Illi mill-permess jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimati Napier dawru favurihom dak stipulat minn dan l-Onor. Bord meta awtorizzahom jiehdu lura l-parti tal-bir (li fil-mori tal-kawza huma allegaw, minghajr ebda provi, li tniffed mal-mahzen) u abbuzaw b'mod lampanti mis-sistema gudizzjarja billi hadu l-ligi b'idejhom u mhux biss hadu lura dak li allegatament huwa taghhom, izda hadu wkoll dak li jappartjeni lill-esponenti ... u dan kollu waqt li qed jinvokaw is-sentenza tal-Bord.

8. Illi l-intimati Napier li fil-verità varjaw l-ordni u s-sentenzi moghtija minn dan l-Onor. Bord. Kien ghalhekk li l-esponenti pprezentaw il-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi u dan stante li l-esponenti **ma nghatawx il-pussess liberu vakanti tal-fond li kien mikri, izda nghataw biss parti terz ta' dan il-fond!** U ghalhekk ladarba fattwalment, l-intimati Napier naqsu milli jirritornaw il-fond **kollu** mikri lilhom in ottemperanza tas-sentenza tal-Bord, kien jehtieg il-hrug tal-mandat ta' zgumbrament.

9. Illi l-esponenti huma oltre milli konvinti li dan il-Bord ma kellu ebda intenzjoni li jaghti xi forma ta' arma lill-intimati biex jabbuzaw mis-sitwazzjoni u jiehdu dak li mhux taghhom u fl-istess waqt ma jsofru kwazi xejn minkejja s-sentenza ta' zgumbrament pronunzjata mill-Bord. Huwa evidenti li l-intenzjoni tal-Bord kienet li ma jibqghux pendenzi bejn il-kontendenti wara l-pronunzjament tas-sentenza u mhux li l-intimati jabbuzaw b'mod lampanti mill-istess sentenza!

10. Illi ghalhekk l-esponenti umilment jissottomettu li r-rikors tal-intimati ghandu jigi michud bl-ispejjez, filwaqt li t-talba tar-

rikorrenti fir-rikors ipprezentat ftit gimghat ilu jigi milqugh biex l-esponenti jkunu f'posizzjoni jiehdu lura dak li hu taghhom ai termini tas-sentenza moghtija minn dan l-Onor. Bord.

Tant l-esponenti ghandhom l-unur jissottomettu ghas-savju u superjuri gudizzju ta' dan il-Bord.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti intimati tat-02 t'April 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati rikorrenti tas-17 ta' Gunju 2014;

Ra illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2015, il-partijiet infurmaw lill-Bord li m'ghandhom xejn x'izidu quddiem il-Bord kif diversament presedut u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fir-rikors odjern l-intimati rikorrenti qed jitolbu illi ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li jezistu ragunijiet sufficjenti fil-ligi, dan il-Bord joghgbu jhassar il-Mandat ta' Zgumbrament numru 309/2011 GG.

Illi r-rikorrenti intimati eccepew illi r-rikors tal-intimati ghandu jigi michud bl-ispejjez, u li l-Mandat ta' Zgumbrament ghandu jibqa' fis-

sehh biex ir-rikorrenti intimati jkunu f'posizzjoni jiehdu lura dak li hu taghhom ai termini tas-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord.

Illi ghalhekk il-Bord irid jezamina jekk hemmx raguni sabiex l-imsemmi Mandat ta' Zgumbrament jibqa' fis-sehh.

Illi r-rikorrenti intimati jsostnu li l-intimati rikorrenti qatt ma ghamlu accenn li l-parti ta' wara tal-fond mertu tal-kawza u, fil-procedura odjerna, tal-Mandat ta' Zgumbrament, kienet tappartjeni lill-istess intimati rikorrenti.

Il-Bord ma jistax jaqbel ma' din il-verzjoni stante illi fis-sentenza tal-Bord stess bejn l-istess partijiet, liema sentenza tat lok ghall-Mandat ta' Zgumbrament imsemmi, il-Bord jghid: "Ghalhekk dan il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu l-fond deskritt fi zmien tlett (3) xhur mil-lum. Dan il-perjodu pjuttost estiz qieghed ikun ordnat stante li **mix-xhieda** (enfasi tal-Bord) **il-fond originali jidher li tniffed mal-bir ta' fond iehor** (enfasi tal-Bord) u ghalhekk f'dan il-perjodu l-intimati jkollhom zmien sufficjenti sabiex jergghu jirripristinaw il-fond qabel jghaddi f'idejn ir-rikorrenti."

Illi ghalhekk, f'ghajnejn il-Bord ma kien hemm l-ebda dubju li mix-xhieda prodotti, rrizulta li n-naha ta' wara tal-fond jappartjeni lill-intimati rikorrenti.

Illi ghalhekk ma hux minnu li l-intimati rikorrenti qeghdin jippruvaw jistultifikaw dik is-sentenza u l-ordni moghtija mill-Bord, izda tellghu dak il-hajt biex jirripristinaw il-fond, kif diretti wkoll mill-istess sentenza.

Illi jidher li r-rikorrenti intimati qeghdin issa jikkontestaw li l-intimati rikorrenti ghandhom parti mill-proprjeta tal-fond u cioè dik il-parti li originarjament kienet tifforma l-bir tal-proprjeta sovrastanti. Din il-kontestazzjoni però giet indirizzata mill-Bord fis-sentenza tieghu kif fuq inghad. Illi ghalhekk ir-rikorrenti intimati kellhom rimedji ohra li setghu jezercitaw, izda certament mhux procedura ta’ Mandat ta’ Zgumbrament permezz ta’ liema qed jippretendu li jizgumbraw lill-intimati rikorrenti wkoll minn dik il-parti propjetà taghhom attribwita lilhom b’dik is-sentenza.

Illi in oltre, il-punt dwar il-proprjetà tal-fond de quo ma jaqax fil-kompetenza ta’ dan il-Bord, stante li mhux kompitu ta’ dan il-Bord li jistabillixxi lil min tappartjeni proprjeta o meno jew li jistabilixxi xi linja divizorja. Ghal dan il-ghan ir-rikorrenti intimati ghandhom proceduri ohra u rimedji ohra provduti mil-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa’ t-talba tal-intimati rikorrenti Arthur Napier u Alfred Napier ghar-revoka tal-imsemmi Mandat ta’ Zgumbrament, u qieghed ihassar u jirrevoka l-istess Mandat ta’ Zgumbrament, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti intimati Maria Farrugia et.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur